# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa 7 ta' Frar, 2024.**

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 107/2022 ISB**

**(1) Cenik Ismail Kaptanoglu, detentur tal-Passaport Tork bin-numru U21776627 kif debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu Avukat Louis Cassar Pullicino (KI 441061M)**

**(2) Omer Kaptanoglu, detentur tal-Passaport Tork bin-numru U24884943 kif debitament rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu Avukat Louis Cassar Pullicino (KI 441061M)**

**Vs**

**L-Av Maria Karlsson LL.D u l-P.L. Joeline Pace Ciscaldi nħatru bħala kuraturi deputati b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2023 sabiex jirrapreżentaw lil Barracuda Marine Co. Ltd (C 31564)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' **Cenk Ismail Kaptanoglu** u **Omer Kaptanoglu** kif debitament rappreżentati mill-**Avukat Louis Cassar Pullicino,** intavolat fit-28 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:

*i) Tiddikjara u tiddeċiedi li peress illi n-negozju tas-soċjetà intimata ilu sospiż bla waqfien mis-26 ta' Lulju 2007, l-oġġett li għalih Barracuda Marine Co Ltd (C 31564) ġiet imwaqqfa huwa komplut u dan skont Artikolu 99(2)(b)(ii) tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations;*

*ii) Subordinament, tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwenti stralċ tas-soċjetà intimata skont Artikolu 99(2)(b)(v) tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations;*

*iii) Tordna x-xoljiment u stralċ konsegwenzali tas-soċjetà intimata a tenur tal-Artikolu 99(2)(b)(ii) u/jew 99(2)(b)(v) tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations;*

*iv) Tagħti kull provvediment opportun ieħor sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzali tas-soċjetà intimata ai termini tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations.*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi dan huwa rikors għal ordni ta' xoljiment u stralċ ippreżentat minn żewġ azzjonisti tas-soċjetà intimata li flimkien iżommu 66.6% tas-soċjetà intimata, Cenk Ismail Kaptanoglu u Omer Kaptanoglu, skont Artikolu 100 tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations (ir-"**Regolamenti**"), abbażi tar-*

*raġunijiet imsemmija f'Artikolu 99(2)(b)(ii) tar-Regolamenti, u subordinament Artikolu 99(2)(b)(v);*

2. *Illi is-soċjetà intimata, Barracuda Marine Co. Ltd (C 31564) li għandha l-uffiċju reġistrat tagħha sitwat 25/16, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta VLT1432, ġiet imwaqqfa fl-10 ta' Ġunju 2003 bħala 'shipping company' ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta), bl-oġġett tagħha li tkun sid tal-bastiment Marti, u sabiex tinnolleggjaha ('charter'). Artikoli 3(a) u (b) tal-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà intimata, jipprovdu:*
   *'The objects of the Company shall be:*
   *(a) to buy or acquire under any title, sell, operate, charter on a bare boat or on a fully equipped basis or exchange ships, yachts, boats and any other vessel.*
   *(b) to register ships, yachts, boats and any other vessels in any registry and under any flag as the Directors of the Company shall deem fit.'*
   *(kopja tiegħu hija annessa hawn taħt u mmarkat bħala **Dokument BM 1**)*

3. *Illi l-bastiment Marti ġiet mibjugħa mis-soċjetà intimata fit-26 ta' Lulju 2007 (kopja tad-Deletion Certificate hija annessa hawn taħt u mmarkata bħala **Dokument BM 2**);*

4. *Illi minn dakinhar, Barracuda Marine Co Ltd ma kellha u ma operat l-ebda vapur, jott, dgħajsa jew bastiment ieħor, u dan kif huwa kkonfermat mir-rikorrent Cenk Ismail Kaptanoglu (ara l-affidavit tiegħu anness hawn taħt u mmarkat bħala **Dokument BM 3**);*

5. *Illi r-rikorrenti ma jistgħux jgħaddu riżoluzzjoni sabiex jpoġġu lis-soċjetà intimata f'xoljiment volontarju, għaliex ma jistgħux jikkuntattjaw it-tielet azzjonist li għandu f'idejh it-33.33% l-oħra fis-soċjetà intimata (liema ishma bħalissa huma miżmuma għan-nom tagħha min-nominee*

*shareholder Camco Holdings Ltd (C 20470) ta' 25/16 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta), u ma jistgħux isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija peress illi l-uniku direttur irriżenja fil-11 ta' April 2022 (ara* ***Dok CIK 2*** *anness mal-affidavit ta' Cenk Ismail Kaptanoglu* ***Dok BM 3****);*

6. *Illi Barracuda Marine Co Ltd ilha ma topera jew tinnegozja mis-26 ta' Lulju 2007, u bil-bejgħ tal-bastiment Marti l-oġġett li għalih ġiet imwaqqfa ġie komplut, u għalhekk ir-rikorrenti rispettivament jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna x-xoljiment u konsegwenti stralċ tagħha;*

7. *Illi sussidjarjament minħabba r-raġunijiet imsemmija 'l fuq f'paragrafu 5 u kkonfermati wkoll bil-ġurament tar-rikorrent Cenk Ismail Kaptanoglu fl-affidavit tiegħu, huwa sottommess li jeżistu raġunijiet gravji u serji sabiex is-soċjetà intimata tiġi xolta u stralċjata bil-qorti.*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 26).

Rat id-**digriet** tagħha tal-4 ta' Novembru 2022 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2022 f'12:00 p.m.

Rat in-nota tar-Rikorrent noe intavolata fis-7 ta' Diċembru 2022 (fol 31) li permezz tagħha ppreżenta dokumenti (Dok BM4, fol 33 sa fol 34).

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datat 2 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu ġew nominati bħala kuraturi deputati tas-soċjetà intimata l-**Avukat Dr Maria Karlsson** u l-**Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi.**

Rat ir-**risposta** ta' **Dr Maria Karlsson** u l-**P.L. Joeline Pace Ciscaldi** li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi hija ġiet maħtura bħala kuratur deputat flimkien mall-prokuratur legali Joeline Pace Ciscaldi b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2023 għall-finijiet kollha tal-liġi.*

2. *Illi l-kuraturi deputati m'humiex edotti mill-fatti*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju 2023, ir-rikorrenti noe ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2023, il-kuratur deputat l-Av Maria Karlsson iddikjarat li għamlet tentattiv li tikkomunika mal-kumpanija intimata iżda baqgħet bla risposta u għalhekk ma kelliex provi x'tipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2023, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza tal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjetà rikorrenti *ai termini* tal-Artikoli **99(2)(b)(ii) u 99(2)(b)(v) tal-Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations**.

Illi r-rikorrenti huma żewġ azzjonisti tas-soċjetà intimata li flimkien iżommu sitta u sittin punt sitta fil-mija (66.6%) tal-ishma. Jispjegaw li s-soċjetà intimata Barracuda Marine Co. Ltd (C 31564) ġiet imwaqqfa fl-10 ta' Ġunju 2003 bħala *shipping company* ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta) bl-oġġett tagħha li tkun sid il-bastiment *Marti* u sabiex tinnolleġġjah. Jgħidu li l-imsemmi bastiment ġie mibjugħ fis-26 ta' Lulju 2007, u minn dakinhar is-soċjetà intimata ma operat l-ebda bastiment ieħor.

Jispjegaw li r-rikorrenti ma jistgħux jgħaddu riżoluzzjoni sabiex ipoġġu s-soċjetà intimata f'xoljiment voluntarju minħabba li ma jistgħux jikkuntattjaw lill-azzjonisti rimanenti u lanqas ma jistgħu jsejħu laqgħa ġenerali straordinarja stante li l-uniku direttur tal-kumpanija rriżenja fil-11 ta' April 2022.

Isostnu li la darba s-soċjetà intimata ilha ma topera u tinnegozja mill-2007, din il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tordna l-istralċ tal-istess kumpanija intimata. Sussidjarjament jikkontendu li jeżistu raġunijiet gravi u serji sabiex is-soċjetà intimata tiġi xoltra u stralċjata bil-qorti.

Il-Qorti tosserva li in sostenn ta' dak kontenut fir-rikors promotur, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat għadd ta' dokumenti li saret referenza għalihom, u li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fl-affidavit tiegħu, **Cenk Ismail Kaptanoglu** jgħid li hu azzjonist tal-kumpanija Barracuda Marine Co Ltd (C 31564) liema kumpanija għandha l-indirizz uffiċjali tagħha f'25/16 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta liema indirizz il-kumpanija m'għadhiex awtorizzata tuża sa minn meta Camco Holdings Ltd irtirat il-permess li jintuża l-istess indirizz fil-11 ta' April 2022.

Jispjega li hu għandu erba' mitt (400) sehem ordinarju fil-kumpanija li għandhom valur nominali ta' Ewro (€1) kull wieħed li jammontaw għas-sehem ta' tlieta u tletin punt tlieta fil-mija (33.3%) tal-kumpanija. Jgħid li hemm żewġ azzjonisti oħra fil-kumpanija li għandhom sehem ta' tlieta u tletin punt tlieta fil-mija (33.3%) tal-ishma kull wieħed u ċjoè Omer Kaptanoglu u Camco Holdings Limited li għandha ishma fuq bażi fiduċjarja ta' Mr Ismail Kaptanoglu.

Jgħid li l-kumpanija kellha direttur wieħed u ċjoè Camco Holdings Ltd li rriżenjat mill-kariga tagħha fil-11 ta' April 2022.

Jispjega li l-kumpanija kienet oriġinarjament inkorporata bħala *shipping company* ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili bl-iskop li tixtri u tinnolleġja bastimenti fosthom il-bastiment bl-isem *Marti*. Jgħid li l-kumpanija operat f'dak is-settur għal numru ta' snin u għalkemm it-tliet sidien benefiċċjarji kienu *shadown directors,* uffiċjalment kienet dejjem Camco Holdings Ltd li ħadet ħsieb il-laqgħat annwali u straordinarji.

Jgħid li n-negozju tal-kumpanija intilef fis-26 ta' Lulju 2007 meta l-bastiment *Marti* ġie mibjugħ u l-kumpanija m'għamlet ebda negozju minn dakinhar.

Jispjega li r-relazzjoni mat-tielet azzjonist illum hija rreparabbli u għalhekk ma tistax tittieħed riżoluzzjoni ta' xoljiment u lanqas ma tista' taqdi l-obbligi

tagħha vis-a-vis il-*Malta Business Registry* u għalhekk huwa neċessarju li l-kumpanija tiġi xolta u stralċjata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 100 tal-Liġi Sussidjarja 234.42 *Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations***

Din id-dispożizzjoni tipprovdi illi azzjonist jista' jressaq talba ghall-istralċ ta' kumpanija *ai termini* tal-Artiklu 99 tal-istess Liġi Sussidjarja:

> ***100****.An application to the court (hereinafter referred to as the"winding up application") for the winding up of a company shall be made by means of an application which may be made either by the company or by* ***any of its members*** *or directors, or by any creditor having a debt due and unpaid in excess of twenty-three thousand and two hundred and ninety-three euros and seventy-three cents(23,293.73)or by all or any of them together or separately.*

Ma jirriżulta ebda dubju f'moħħ din il-Qorti illi r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kumpanija intimata.

L-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-Artiklu **99(2)(b)(ii) tal-Liġi Sussidjarja 234.42**, li jipprovdi hekk:

> *(b) a company shall be dissolved by the court in the following cases*
>
> *(ii) if the undertaking forming its object is completed or cannot be completed;*

kif ukoll fuq l-Artiklu **99(2)(b)(v)** li jipprovdi hekk:

> *(v) if in the opinion of the court, there exist grounds of sufficient gravity to warrant dissolution;*

Il-Qorti tosserva li mill-provi, li ma ġew bl-ebda mod ikkontestati, jirriżulta li l-għan u l-oġġett tal-kumpanija intimata kienet li takkwista u topera bastimenti fuq bażi ta' *charter.* Jirriżulta wkoll li dan ix-xogħol il-kumpanija għamlitu għal numru ta' snin, sakemm fl-2007 biegħet l-unika bastiment li kellha f'isimha u ċjoè l-bastiment bl-isem *Marti*.

Jirriżulta mill-affidavit ta' Cenk Ismail Kaptanoglu li wara dakinhar li nbiegħ l-imsemmi bastiment, il-kumpanija ma wettqet l-ebda tip ta' negozju u saħansitra hemm diżgwid bejn l-azzjonisti li rendew il-kumpanija inoperabbli. Oltre minn hekk, illum-il ġurnata l-kumpanija tinsab mingħajr diretturi u mingħajr indirizz uffiċjali.

Fil-kuntest tad-dispożizzjoni ċara min-naħa tar-rikorrenti azzjonisti li l-iskop li għalih il-kumpanija ġiet krejata llum ġie eżawrit, il-Qorti ssib ġustifikazzjoni għax-xoljiment abbażi tal-fatt li l-kumpanija eżawriet għal kollox l-iskop ewlieni li għalih kienet ikkostitwita.

Dan huwa fatt gravi biżżejjed li jwassal għax-xoljiment. Jgħid hekk **Andrew Muscat** dwar *disappearance of the substratum* f'paġ 1395 ta' "***Principles of Maltese Company Law***"[1]:-

> *"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words, its main objects. If the company has abandoned all its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared …"*

Meta kumpanija ma tagħmilx negozju tkun entità bla ruħ għaliex ma tkunx qegħda taqdi l-għanijiet tagħha. Milli aċċertat, il-kumpanija waslet *at a point of no return*.

Fuq riżultanzi bħal dawn, u tenut kont tad-dottrina u ġurisprudenza ċitata aktar 'il fuq mis-sentenza kkwotata, il-Qorti tħoss li għandha provi sodisfaċenti u sal-grad rikjest mil-liġi ta' dak li huwa rikjest.

**Aċċertat għalhekk illi jirriżultaw ippruvati r-rekwiżiti tad-99(2)(b)(ii) u (v) tal-Liġi Sussidjarja 234.42 il-Qorti ma ssibx diffikultà tuża u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata Barracuda Marine Co. Ltd. a bazi ta' dan.**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-Liġi Sussidjarja 234.42 *Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations* hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex

[1] (MUP – Second Edition – Volume Three - 2019)

tkun tista' tgħaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċirkostanzi li jirriżultalha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà intimata **Barracuda Marine Co Ltd (C 31564)** u dan a bażi tal-Artikoli **99(2)(b)(ii) u (v) tal-Liġi Sussidjarja 234.42 *Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations*** u dana b'effett mit-28 ta' Ottubru 2022 *ai termini* tal-Artikolu 105(2) tal-istess regolament;

2. **Tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjetà **Barracuda Marine Co Ltd (C 31564)** lir-**Riċevitur Uffiċjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti Liġi Sussidjarja 234.42 *Merchant Shipping (Shipping Organizations – Private Companies) Regulations*, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija *de quo*, jagħmel rapport lill-Qorti,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija *de quo* u jekk ikun il-każ, jirraporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpanija **Barracuda Marine Co Ltd (C 31564)** jista' għandha, u dan *ai termini* tal-Artiklu 109 tal-istess regolament.

   d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpanija *de quo*.

   e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpanija jista' għandha,

3. **Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

4. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjetà intimata.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-Riċevitur Uffiċjali u lir-Reġistratur tal-Kumpaniji.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**